# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta'nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 13**

**Citaz. Nru. 214/93 GV**

**Martin Bonello Cole**

**vs**

**Kenneth Cole**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI** **Ic-citazzjoni ta' l-attur**

**1.** B'citazzjoni l-attur ippremetta illi hu kien dahal shab mal-konvenut f'negozju ta' kiri ta' fond kummercjali "The Greyhound" f'San Giljan, illi l-attur kien azzjonist mal-konvenut f'kumpanija "M &K Limited" liema kumpanija kienet biss topera n-negozju precedenti imsemmi; illi l-attur hareg komplessivament is-somma ta' Lm19,053.36 ghal dan in-negozju, illi dan in-negozju falla b'responsabilita' totali u unika da parti

tal-konvenut li ghalhekk ikkaguna dannu lill-attur; talab li l-Qorti 1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal falliment tan-negozju gestit mill-kumpanija u partikolarment ghat-telfa tal-kirja tal-fond kummercjali, 2) tiddikjara illi dan l-agir ikkaguna dannu lill-attur, u 3) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm19,053.36 jew somma ohra verjuri u 4) tikkundanna lil-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut**

**2.** Il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-falliment tan-negozju ma kienx kawza ta' xi nuqqas ta' responsabilita' jew ta' negligenza da parti tal-eccipjent, anzi kien l-attur li abbanduna l-ftehim ta' bejniethom li jiggestixxu f'daqqa n-negozju ta' bejniethom u minn Settembru 1986 f'daqqa wahda la mar fil-hanut u lanqas biss kellem lill-eccipjent. Ghalhekk fil-fatt kien il-konvenut li kellu johrog partita flus minn butu biex ihallas id-dejn tan-negozju ta' bejniethom. Illi ghar-rigward tat-telfa tal-kirja tal-hanut, il-lokazzjoni kienet personali u in solidum bejn il-partijiet u di fatti anke l-attur kien gie interpellat ghall-hlas u naqas milli jeffettwa l-pagament tal-kirja.

**Il-kontro-talba tal-konvenut**

**3.** Illi l-konvenut appellant ipprezenta wkoll kontro-talba kontra l-attur fejn ippremetta illi fit-18 ta' Dicembru 1985, giet iffurmata l-kumpanija "M & K Limited" li taghha l-partijiet huma l-unici azzjonsti, sabiex tiggestixxi n-negozju ta' dan il-pub, illi f'Settembru 1986 l-attur abbanduna kompletament in-negozju, illi bhala investiment u sabiex jissussidja d-dejn tan-negozju l-konvenut hareg komplessivament is-somma ta' Lm33,689.83 skond il-prospett anness Dok. B, illi l-attur kien responsabbli ghall-falliment tan-negozju u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-konvenut u ghalhekk talab li l-Qorti 1) tiddikjara l-attur responsabbli ghall-falliment tan-negozju tal-pub "The Greyhound", Main Street, St. Julians, 2) tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut bhala kawza ta' dan il-falliment, 3) tillikwida d-danni hekk kagonati fis-somma ta' Lm33,689.83 jew somma ohra verjuri u 4) tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** B'sentenza tat-3 ta' Ottubru 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat illi l-attur ghandu jehel kwart mir-responsabilita' ghal falliment tan-negozju gestit mill-kumpanija M & K Limited filwaqt li l-konvenut tlett kwarti. Il-Qorti cahdet il-kontro talba tal-konvenut appellat ghaliex sostniet illi 1) ma gietx sostanzjata u 2) ma tistax issir kontra l-attur li mhux direttur izda azzjonist. Konsegwentement filwaqt li laqghet l-ewwel u t-tieni talba attrici kif fuq imsemmi irrizervat li tipprovdi dwar it-

tielet u r-raba talba wara li terga' tisma' lill-attur stante li ma kienx issostanzja l-ammont minnu allegat. Di fatti l-Ewwel Qorti ddikjarat li "wara li ezaminat il-figuri mhix f'posizzjoni li tillikwida d-danni li qed jitlob l-attur u jehtigilha li terga' tisma' lill-attur biex jispjega l-bazi tat-talbiet tieghu li ghandhom jigu konfortati b'ricevuti u dokumentazzjoni."

**L-appell tal-konvenut**

**5.** Il-konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza u nterpona appell minnha ghal quddiem din il-Qorti tal-Appell.

> "Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:
>
> Il-partijiet huma primi kugini. Fit-18 ta' Dicembru 1985 il-partijiet iffurmaw u rregistraw il-kumpanija K &M Limited b'sehem indaqs fl-ishma taghha bl-iskop li jiggestixxu il-pub bl-isem "The Greyhound". Ghalkemm huma kienu ffurmaw din il-kumpanija l-kirja ta' dan il-fond ma saritx fuq il-kumpanija izda f'isem il-partijiet personalment. Il-kera kienet ta' Lm2.00 kuljum b'rigal ta' Lm18,000 li kellu jithallas fi zmien sentejn Sabiex jibdew dan in-negozju il-partijiet kienu hadu "loan" minghand il-Bank of Valletta.
>
> Il-professjoni tal-attur hija ta' awditur. Ghalhekk qabel beda n-negozju huwa ghamel "feasibility study". Il-ftehim tal-partijiet kien li l-attur jiehu hsieb il-kotba u l-accounts tal-kumpanija filwaqt li l-konvenut jiehu hsieb ix-xiri ta' dak li jigi pprovdut fil-pub. Il-partijiet kienu ftehmu wkoll illi kull wiehed minnhom ikun prezenti fizikament fil-pub.
>
> Il-partijiet hadu f'idejhom dan il-pub fl-20 ta' Dicembru 1985 u bdew jirrenovawh. L-esponent kien jiehu hsieb jixtri l-affarijiet necessarji ghal dan ir-rinovament kif ukoll kien joqghod jissorvelja l-haddiema inkarigati jaghmlu dan ix-xoghol. Il-pub infetah fis-27 ta' Mejju 1986. F'dan il-perijodu ta' hames xhur il-konvenut kien imur fuq il-post kuljum nonostante li ghandu x-xoghol tieghu fin-negozju tal-familja tieghu. Huwa fil-fatt kien imur madwar tlett darbiet kuljum fuq il-post u wara kien imur ghand l-attur sabiex

jatih rendikont ta' x'ikun sar u jitkellmu dwar dak li kien hemm bzonn. Matul dan il-perijodu ta' hames xhur l-attur ma marx fuq il-post aktar minn erba' darbiet u kien ihalli hafna mix-xoghol f'idejn il-konvenut.

L-attitudni negligenti tal-attur fir-rigward ta' dan in-negozju bdiet tidher mill-ewwel. Il-partijiet kienu ftehmu li qabel jinfetah il-pub l-attur kellu jaghmel stock taking tal-affarijiet kif ukoll jipprepara l-prezzijiet u jiddiskutihom mal-konvenut. F'hames xhur l-attur dan m'ghamlux. Il-ftuh ufficjali tal-pub kien ippjanat ghas-27 ta' Mejju 1986 fid-9.00 p.m. u l-attur mar biex jaghmel stock taking u jiffissa l-prezzijiet tlett sieghat biss qabel il-ftuh. Dan l-agir da parti ta' l-attur juri mill-ewwel l-atitudni negligenti anke sahansitra fil-perijodu inizjali ta' dan in-negozju.

F'dan il-perijodu l-attur kien ghaddej minn perijodu ferm imqalleb fil-hajja privata tieghu. L-attur kien issepara minn martu u kien qed jghix ma' certu Eve Camilleri nee' Bateman, anke hija separata. Huma kien ikollhom xi jghidu spiss. Minhabba f'hekk l-attur kien jixrob hafna xorb alkoholiku u dan beda jkollu effett anke fir-rigward tal-qadi ta' dmirijietu versu n-negozju ta' bejn il-partijiet. Xahar qabel il-ftuh ufficjali tal-pub Eve Camilleri u l-attur kellhom xi jghidu sew u hi telqitu u marret tghix ghal rasha ghal ftit gimghat. Xi ftit jiem qabel il-ftuh tal-pub regghu bdew jghixu flimkien u ghalhekk Eve Camilleri kienet prezenti ghall-ftuh.

Izda gara li f'dik il-lejla l-attur beda jixrob u kellu tfajla ohra fuq hogru li kien qed ikun ftit intimu maghha. Kif rat hekk Eve Camilleri irrabjat u telqet 'il barra mil-pub u ma gietx lura. L-attur kien hadha bi kbira u beda jixrob aktar xorb alkoholiku. Meta kien jaghmel hekk kien isir vjolenti. Eve Camilleri kienet marret tghix fi flat vicin il-pub u ghalhekk il-konvenut kien jaraha spiss u baqghu hbieb. Aktar ma beda jghaddi z-zmien l-attur beda jixrob aktar u jkun fis-sakra. Darba minnhom talab lill-konvenut biex jipprova jipperswadi lil Eve Camilleri terga' tmur tghix mieghu izda Eve Camilleri ma riditx taf. Sadanittant il-konvenut kien imur kuljum l-pub sabiex jivverifika x'kien hemm bzonn jinxtara fil-waqt li l-attur kien imur fil-ghodu jigbor il-cash u jqabbel il-bejgh. Dan l-arrangament kien naturalment skond il-ftehim ta' bejniethom. Filghaxija ghall-bidu kienu jkunu prezenti t-tnejn imbaghad ftehmu li jmorru darba iva u darba le. Meta ma kienx imiss lilu l-konvenut kien jinzel il-pub bejn is-7.00p.m. u d-9.00 p.m. Meta kien jaghmel hekk spiss kien isib lill-attur jixrob hafna u fis-sakra. Wara li telqitu Eve Camilleri l-attur beda jghix ma' mara ohra izda xorta baqa' jigri wara Camilleri li wara l-ahhar incident ma riditx taf aktar bih. Tlett xhur wara li l-attur u Eve Camilleri infirdu hija bdiet tohrog mal-konvenut. Meta l-attur sar jaf b'dan hadha qatta' bla habel kontra l-konvenut. Darba

minnhom sahansitra kien mar fis-sakra ghand missier il-konvenut u ghamel xenata. F'dik l-istess gurnata l-konvenut u Eve Camilleri kienu qeghdin fl-istess karozza u f'mument minnhom l-attur beda jsuq warajhom. Meta waslu hdejn l-Ghassa ta' Tas-Sliema Eve Camilleri waqfet il-karozza u l-attur nizel minghajr qmis u b'riha ta' xorb fuqu. Huma bdew jillitigaw u Eve Camilleri baqghet determinata li ma tergghax tmur tghix ma' l-attur.

Meta ra hekk l-attur beda jipprova jipperswadi lill-konvenut sabiex ma johrogx aktar ma' Eve Camilleri. Camilleri u l-esponent baqghu johorgu flimkien u minn hawnhekk 'il quddiem ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut iddeterjorat ghall-ahhar. L-attur beda jonqos spiss milli jmur il-pub meta jmiss lilu. Ftit wara l-attur avza lill-konvenut illi kien se isiefer fl-1 ta' Settembru 1986 ghal xahar. Minn dakinhar 'il quddiem l-attur qatt ma rega' mar il-pub. Ghalhekk jirrizulta illi tlett xhur biss wara l-ftuh tal-pub, l-attur unilateralment u minghajr ma avza lill-konvenut qabad u ma resaqx izjed lejn il-pub u dan nonostante l-ftehim ta' bejniethom li jmur kuljum sabiex jiehu hsieb il-kotba kif ukoll li jmur u jiehu hsieb il-pub darba iva u ohra le. Prattikament l-attur abbanduna n-negozju u tefa' l-piz u r-responsabiltajiet kollha fuq il-konvenut.

B'danakollu il-karti tal-kumpanija zammhom l-attur u peress li r-registered office tal-kumpanija kien l-indirizz tal-ufficcju tieghu huwa baqa' jircevi l-korrispondenza kollha hemmhekk li mbaghad kien jibghata lill-konvenut bil-posta.

Aktar ma beda ghaddej iz-zmien aktar il-konvenut beda jsibha difficli li jzomm in-negozju ghaddej. Id-dhul ma kienx qed ikun bizzejjed biex jifdi l-pagi tal-haddiema peress illi l-konvenut ma setax wahdu jibqa' kuljum sat-3.00 ta' fil-ghodu. Din is-sitwazzjoni giet ikkawzata mill-agir tal-attur illi abbanduna kompletament in-negozju u waqaf jonora l-obbligi li assuma fil-bidu tat-twaqqif tan-negozju ta' bejn il-partijiet. Peress illi l-attur ma baqghax izomm l-accounts il-konvenut kellu jqabbad accountant iehor certu Robert Aquilina.

Fit-3 t'Awissu tal-1987 l-attur irrizenja minn Direttur tal-kumpanija u holoq diffikulta ohra ghall-konvenut stante li skond l-artikolu 5 tal-Memorandum & Articles tal-kumpanija "The affairs of the Company shall be managed and administered by a Board of Directors consisting of not less than two and not more than five Directors appointed by the Company in the General Meeting". Wara r-rizenja tal-attur minn Direttur il-bank kien kiteb dwar dan in-nuqqas kopja ta' liema ittra tinsab esebita fil-process. L-attur baqa' ma appuntax direttur iehor minfloku u dan kellu effett

negattiv fl-attitudni tal-bank fil-konfront ta' dan in-negozju fis-sens illi l-bank ma kienx lest jestendi aktar facilitajiet bankarji kemm il-darba s-sitwazzjoni ma tigix regolarizzata minn naha ta' l-attur. Dan baqa' ma ghamlux.

Fil-25 ta' Settembru 1988 gara incident gravissimu fil-pub de quo li ta l-kolp ta' grazzja lil dan in-negozju. F'dan l-incident, li fih ma kien involut l-ebda wiehed mill-partijiet, terza persuna qatlet lil Eve Camilleri. Ma' dan l-incident il-pub gie sekwestrat mill-pulizija u inghalaq. Naturalment dan l-incident inghata prominenza fil-gazzetti u media lokali u l-isem tal-pub issemma' f'dawn ic-cirkostanzi tragici. Il-pub inzamm maghluq mill-pulizija ghal madwar erba' xhur u meta rega' infetah f'Dicembru 1988 kien jidher car illi hafna mill-klijenti ma regghux gew lura.

Wara dan l-incident il-partijiet regghu bdew jitkellmu u esploraw il-possibilita' li jghaddu n-negozju lil haddiehor izda dan ma kienx possibbli peress li ma kellhomx dritt li jissublokaw. F'Jannar 1990 sar inkontru bejn il-partijiet u l-attur qal lill-konvenut li hu ried li l-hanut jinghalaq peress li ma riedx johrog aktar flus. Ghalhekk fil-bidu ta' Jannar 1990 il-konvenut, bi ftehim ma' l-attur, ma fetahx aktar il-pub. Sadanittant kawza li kienu fethu s-sidien ghall-izgumbrament fuq il-premessa li l-partijiet personalment ma kienux hallsu l-kera puntwalment kienet ghadha pendenti meta l-pub inghalaq.

Minn ezami tal-fatti jirrizulta car illi l-falliment tan-negozju ma kienx tort tal-konvenut. Jidher car mill-ewwel illi r-relazzjoni li kellu l-attur ma' Eve Camilleri kellha effett negattiv fil-mod kif l-attur beda jonqos illi jonora l-ftehim. L-attur baqa' qatt ma accetta li Eve Camilleri telqitu u bdiet tohrog mal-konvenut. Kien minn dan il-mument li l-attur abdika mid-doveri tieghu versu l-kumpanija, ma baqax imur il-pub jissorvelja l-haddiema, u ma baqax izomm il-kotba tal-kumpanija. L-attur naqas milli jqabbad sostitut tieghu, a spejjez tieghu, biex jattendi minfloku fil-pub. L-attur naqas li jinkariga accountant iehor minfloku, a spejjez tieghu, sabiex jiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija. L-attur naqas li jinnomina a spejjez tieghu, Direttur iehor sabiex ikun jista' jigi sodisfatt dak rikjest mil-Memorandum & Articles of Association.

Meta l-attur iddecieda li jabbanduna d-doveri tieghu fin-negozju, l-pub kien ilu miftuh biss tlett xhur. Certament illi dan il-ksur tal-ftehim da parti tal-attur kellu effet negattiv fil-perjodu inizjali tal-gestjoni tan-negozju. Il-pjan kien li jmexxu negozju li jtul is-snin. Kollox kien ippjanat f'dik id-direzzjoni fejn kull wiehed mill-partijiet jikkontribwixxi sostanzjalment fit-tmexxija u bil-presenza fil-pub.

Wara li l-attur ma resaqx aktar lejn il-pub sar aktar difficli ghall-konvenut li jzomm kontroll fuq l-impjegati peress li ma setax ikun prezenti kuljum maghhom. L-attur ressaq bhala xhud lil Anthony sive George Camilleri li kien jahdem bhala barman. Hafna mix-xhieda tieghu hija inammissibbli ghaliex hija detto del detto li pprova jitfa' lill-konvenut f'dawl ikrah nonostante li dak li jallega ma jafux di scientia propria. Jallega per ezempju li Robert Aquilina, l-accountant imqabbad mill-konvenut wara li telaq l-attur, kellu ordni minghand il-konvenut sabiex ma jaghtix l-accounts lill-attur. Dan mhux minnu. Inoltre din l-allegata ordni ma semahiex ix-xhud direttament u ghalhekk fl-assenza ta' xhieda ohra ghandha tigi skartata. Hekk jista' jinghad ghal diversi partijiet tax-xhieda tieghu. Jigi rilevat ukoll dan Camilleri l-Ewwel Qorti qatt ma ratlu wiccu ghaliex baqa' ma resaqx ghall-kontro-ezami filwaqt li x-xhieda tieghu tressqet b'affidavit mill-attur.

Fix-xhieda tieghu Anthony Camilleri jghid li l-familja Fenech Adami rebhu l-post lura, gew zgumbrati u ghalhekk spicca bla xoghol. Kif gia' spjegat qabel din hija ferm il-boghod mill-verita' ghaliex il-partijiet kienu ddecidew li jaghlqu l-pub qabel ma kien hemm sentenza li l-pussess tal-pub imur lura f'idejn is-sidien. Pero' din l-ideja f'mohh Anthony Camilleri turi l-animosita li ghandu versu l-konvenut u ghalhekk ix-xhieda tieghu ghandha tigi konsiderata f'dan id-dawl. Camilleri jallega li l-konvenut kien jiehu flus mit-till u jghid li ma jafx x'kien isir minnhom Bhallikieku l-konvenut, Direttur tal-kumpanija, kellu xi obbligu li jinforma lil barman x'kien qed jaghmel bil-flus. Inoltre l-konvenut kien thalla wahdu jopera l-kumpanija u certament illi wahda mill-funzjonijiet principali tieghu kienet li jixtri dak mehtieg ghan-negozju. Mix-xhieda inveritiera ta' Camilleri tiehu l-impressjoni illi n-negozju kien qed jitmexxa bis-sahha ta' self allegatament maghmul minnu u li jghid li sallum ghadu ma thallasx. Dan ukoll juri l-animu tax-xhieda ta' Camilleri.

L-aktar haga importanti pero' huwa l-fatt li l-allegazzjonijiet fiergha ta' Anthony Camilleri jibqghu biss allegazzjonijiet bla bazi. Imkien ma jaghti indikazzjoni ta' x'ammonti il-konvenut allegatament kien jiehu mit-till u kemm minnhom kienu jmorru biex jinxtraw l-affarijiet u kemm minnhom mhux ghall-kumpanija. L-esponent kien Direttur tal-kumpanija u tabilfors kien mehtieg li jiehu flus ghall-gestjoni tal-istess. Certament li fuq semplici allegazzjoni bla bazi li l-esponent kien jiehu flus mit-till m'ghandux iwassal ghall-konkluzjoni li n-negozju falla minhabba f'hekk. Min allura kien qed ta' kuljum jixtri l-affarijiet jekk mhux il-konvenut?

Inoltre l-konvenut permezz tal-avukat tieghu, kien kiteb lill-istess Anthony Camilleri fejn kien zammu responsabbli talli kien xtara merkanzija allegatament ghal-pub minghand suppliers differenti minn dawk li kien qallu l-esponent b'dan illi l-konvenut tpogga fil-posizzjoni li ma jkollux kontroll fuq dak li hiereg u diehel. Inoltre dan Anthony Camilleri kien ikun ghal hinijiet twal wahdu fil-pub b'kontroll assolut fuq il-flus tat-till.

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-Ewwel Qorti interpretat il-fatti hazin u kienet f'diversi partijiet tas-sentenza kontradittorja. L-ewwel fatt importanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra fil-perspettiva proprja tieghu huwa l-fatt li mill-bidunett in-negozju tal-pub de quo ma kienx mibni fuq pedamenti sodi. Di fatti l-attur u l-konvenut kienu hargu Lm500 kull wiehed filwaqt li hadu loan mill-bank. Fix-xhieda tieghu l-attur, li di professjoni hu awditur, liema xhieda giet accettata mil-Ewwel Qorti, l-attur jghid car u tond illi skond hu dan il-kapital azzjonarju "kien ftit wisq" u li sabiex ramaw il-pub "il-konvenut nefaq aktar milli kienu ppjanaw li jonfqu biex jibdew". Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tghid hekk:- "L-attur qed jissottometti li mill-bidu nett l-affarijiet kienu jidhru li ma kienux ser imorru tajjeb billi l-konvenut ma kellux flus bizzejjed biex johrog kapital sufficjenti biex il-kumpanija tkun tista' topera komodament." Mela hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn awditur qed jidhol shab f'negozju mal-konvenut u mill-bidunett jinduna illi mill-ammont ta' kapital li kellhom f'idejhom in-negozju ma kellux pedamenti sodi. Izda ciononostante l-Ewwel Qorti dan il-fatt tinjorah kompletament fid-deliberazzjoni taghha dwar x'kien il-kagun tal-falliment tan-negozju. Tinjora wkoll il-fatt li l-attur kien accountant u awditur u ghalhekk jekk ra li l-kapital kien zghir wisq kien fid-dover li jiftah ghajnejn il-konvenut u ma jidholx shab f'dan in-negozju. Il-fatt li l-attur accetta li jibda dan in-negozju meta fi kliemu stess dan in-negozju ma setax imur tajjeb mill-bidunett juru l-irresponsabilita' tal-attur sa mil-perijodu inizjali. Ghalhekk issa ma jistax jilmenta li sofra danni meta hu stess kien jaf mill-bidu nett li l-falliment tan-negozju kien inevitabbli minhabba kapital zghir u dejn mal-bank.

Illi l-Ewwel Qorti tat hafna importanza t-telfa tal-kirja meta fil-fatt it-telfa tal-kirja sehhet meta l-pub kien diga' maghluq ghal ragunijiet kompletament estranei u indipendenti mit-telfa tal-kirja. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid illi fil-bidu ta' Jannar 1990 iltaqa' mal-konvenut u "…. ghidtlu li kellu jaghlaq il-hanut ghax kien sejjer hazin. Ghidtlu li jien ma kontx ippreparat nohrog aktar flus u ghalhekk l-unika soluzzjoni kienet li nwillu l-post lil xi hadd. Ghalaqna l-post." Il-kawza ta' zgumbrament inqatghet mill-Qorti

ta' l-Appell fl-15 ta' Ottubru 1991, <u>sena u disa' xhur</u> wara li l-hanut kien inghalaq bi ftehim bejn il-partijiet ghal ragunijiet kompletament differenti mit-telf tal-kirja. Ghalhekk anke kieku ghas-sahha tal-argument il-partijiet rebhu il-kawza ta' zgumbrament fl-appell, il-posizzjoni kienet ser tkun l-istess. Dan juri bla ebda dubju illi t-telfa tal-kirja f'Ottubru 1991 ma kenitx il-kawza ghal gheluq tal-pub f'Jannar 1990, u ghalhekk m'hemmx l-konnessjoni ta' kawza u effett ghad-danni allegati mill-attur.

Ghalkemm l-Ewwel Qorti akkollat kwart tar-responsabilita' tal-akkadut fuq l-attur, l-esponent hu tal-umli opinjoni illi l-attur kien unikament responsabbli ghal dak li gara. L-Ewwel Qorti ma accettatx il-fatt li kien hemm ftehim li l-partijet jattendu alternativament fil-pub sabeix kuljum ikun hemm xi hadd. Il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija kontradetta mill-istess attur fl-affidavit tieghu fejn hdejn id-dati 26 ta' Mejju 1986 u 31 ta' Awissu 1986 jghid li attenda regolari kemm fi-ghodu biex iqabbel l-audit roll kif ukoll fil-ghaxija. Izda l-Ewwel Qorti tasal ghall-konkuzjoni li "mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm ftehim li kull wiehed minnhom kellu jkun fizikament prezenti fil-pub". Konkluzjoni bir-rispett erronea. Il-konvenut appellant xehed li l-ftehim kien li l-partijiet jattendu kuljum il-pub alternattivament liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-attur. Tlett xhur biss wara li nfetah il-pub l-attur abbanduna n-negozju u ma baqghax imur il-pub biex jaghti sehmu fil-gestjoni skond ma kienu ftehmu l-partijiet. Sena wara huwa rrizenja minn Direttur. Ghalkemm l-attur jilmenta li l-konvenut kien qed imexxi hazin ma ghamel xejn sabiex iwaqqfu anzi kiser l-istatut tal-kumpanija li tirrikjedi l-presenza ta' lanqas zewg Diretturi. L-attur qabad u rrizenja minn Direttur fit-3 ta' Awissu 1987 minghajr ma appunta sostitut tieghu. Seta' kieku ried l-attur adixxa l-Qorti ghal-likwidazzjoni tal-kumpanija. L-artikolu 149 (g) tal-Commercial Partnerships Ordinance jipprovdi illi "A company is dissolved ……… if in the opinion of the court, there exist grounds of sufficient gravity to warrant dissolution". Skond il-Professur Cremona "every member has the right to request the court to dissolve the company" (Notes on Commercial Partnerships – page 111). Izda l-attur ma ha ebda passi f'dan ir-rigward.

L-Ewwel Qorti skartat kompletament l-effetti negattivi fuq in-negozju kagonati mill-qtil ta' Eve Camilleri fil-pub fil-25 ta' Settembru 1988. Il-Qorti rriteniet illi n-negozju kien diga qed imur hazin fl-1987 u ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li dan l-omicidju ma kkontribwixxa xejn fix-xhur ta' wara sabiex il-klijentela tabbanduna dan il-pub. Fl-umili opinjoni tal-esponent l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra illi dan l-omicidju ikkontribwixxa percentwali mhux zghira ghal falliment ta' dan in-negozju.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid illi bejn Jannar u Settembru 1989, meta t-tmexxija kienet kompletament f'idejn il-konvenut appellant: "In-negozju baqa' jitmexxa normali u l-ftehim il-gdid mal-Bank kien qieghed jigi ezegwit." Kif gia intqal aktar qabel il-partijiet ftehmu li jaghlqu l-pub f'Jannar 1990. Kif jista' allura wiehed jasal ghall-konkluzjoni li ghax fid-29 ta' Novembru 1989 il-Bank talab il-hlas ta' pagamenti f'daqqa wahda il-konvenut sar responsabbli ghas-sitwazzjoni imweghra tan-negozju liema sitwazzjoni kienet ilha tissussisti mill-bidu nett u l-konvenut kien ghamel hiltu kollha sabiex isalvaha.

Huwa opportun li jsiru xi konsiderazzjonijiet legali. Irrizulta li l-attur qed jippretendi danni allegatament sofferti fl-1985, fl-1987 u fl-1990. Ghaldaqstant l-esponent qieghed iressaq eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni ghandu jirrizulta li l-attur ma seta' qatt jintavola l-kawza odjerna qabel tigi likwidata s-socjeta' M & K Limited ghaliex huwa biss wara li jsir dan l-ezercizzju li jigi ppruvat jekk l-attur sofriex danni jew le. Inoltre l-allegazzjoni tal-attur hija li sofra danni peress li jallega li l-konvenut ha flus tal-kumpanija. Gie stabbilit illi l-attur abbanduna n-negozju tlett xhur biss wara l-ftuh tal-pub. Ghalhekk kwalunkwe flus kienu qed jinhargu mill-konvenut u mhux mill-attur. L-attur ma gab ebda prova li l-konvenut kien qed jimmisapproprja flus tal-kumpanija. Inoltre l-attur personalment ma setax jistitwixxi l-procedura odjerna izda semmai kellu jitlob ir-rifuzjoni ta' flus fil-fondi tal-kumpanija u mhux talab il-hlas direttament lilu. La darba l-attur jallega li l-konvenut ha flus tal-kumpanija kellu l-oneru li jressaq provi dwar il-quantum liema provi baqghu ma tressqux.

Illi aggravju iehor tal-konvenut appellant hu fis-sens li l-Ewwel Qorti l-ewwel cahdet il-kontro talba fil-mertu ghaliex irriteniet li "ma gietx sostanzjata" imbaghad ghaliex irriteniet li "ma tistax issir kontra l-attur li mhux direttur izda azzjonist". Dwar l-ewwel raguni jinghad illi skond l-Ewwel Qorti anke l-attur naqas li jissostanzja l-allegazzjoni tieghu izda fil-kaz tal-attur il-Qorti dehrilha li ghandha ttih l-opportunita' li jressaq il-provi li naqas li jressaq nonostante li ddikjara li m'ghandux provi aktar. Izda din il-mizura ma gietx konsidrata fil-konfront tal-konvenut. Fit-tieni lok l-ewwel Qorti irriteniet li l-kontro talba kienet qed tigi michuda ghaliex l-attur ma kienx ghadu Direttur. Bir-rispett jigi sottomess li din il-konkluzjoni mhix korretta. L-istitut tar-rikonvenzjoni gie introdott sabiex jevita l-multiplikazzjoni bla bzonn tal-kawzi. L-attur agixxa personalment u

> konsegwentement il-kontro talba saret kontrih personalment. Il-fatt li l-attur ghamel il-kawza ghax hu azzjonist ma tbiddel xejn mill-posizzjoni procedurali. Il-kontro-talba qed issir kontra l-attur personalment. Ma kenitx tista' ssir kieku huwa agixxa ghan-nom ta' kumpanija jew ghan-nom ta' minuri. F'dan is-sens ghandu jigi interpretat l-artikolu 400 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. L-attur agixxa f'ismu proprju u ghalhekk seta' jigi rikonvenzjonat f'din il-kwalita."

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli skond il-ligi jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tirriforma s-sentenza appellata proferita mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 1996 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-attur responsabbli parzjalment ghal falliment tan-negozju de quo, tirrevokaha ghall-kumplament billi invece tichad it-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet tal-esponent u tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-esponent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>Nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut</u>**

Il-konvenut appellant eccepixxa:-

> "1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2163 tal-Kodici Civili."

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

**6.** Ghandu jigi rilevat li sa mill-bidunett tat-trattazzjoni ta' dana l-appell, din il-Qorti kienet uriet il-preokkupazzjoni taghha lill-partijiet

kontendenti ghall-fatt singolari li f'kawza dwar danni li essenzjalment kienet tinvolvi l-operat li sar mill-partijiet fl-ambitu u f'isem socjeta' kummercjali, igifieri M & K Ltd, madanakollu l-proceduri li ttiehdu u tmexxew, kompriza l-kontro-talbiet tal-konvenut, saru kollha f'isem il-kontendenti proprio, b'dana li l-imsemmija socjeta' baqghet barra mill-kawza kompletament.

**7.** Illi hu minnu li mill-provi jirrizulta pacifiku li l-kontendenti kienu l-unici zewg azzjonisti tas-socjeta' M & K Ltd u li bhala diretturi huma kienu jidhru ghaliha, ghalkemm jirrizulta li wara xi zmien l-attur deher li ma baqghax aktar ko-direttur (ghalkemm anke hawn il-provi huma pjuttost skarsi).

Din il-Qorti stenniet li l-partijiet jelucidaw aktar dwar dan il-punt ta' natura legali, u dan ukoll wara li b'verbal datat il-11 ta' April 2000 (ara fol 210) liema qablu li,

> "...... l-fatti tal-kawza  ghandhom ikunu regolati bl-Ordinanza dwar is-socjetajiet u mhux bl-Att tal-1995."

**8.** Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li kemm naha u kemm ohra kkoncentrat il-provi taghha fuq fatti relativi ghall-operat ta' kull wiehed miz-zewg kontendenti f'kapacita' personali u l-eccezzjonijiet sollevati miz-zewg kontendenti ftit li xejn  jidhru li huma kkoncernati bil-fatt li s-socjeta' M & K Ltd kienet ghadha tidher li hija attiva.  Illi pero' kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut, fit-tieni paragrafu tan-nota (fol 8)

hemm li "ghar-rigward tat-telfa tal-kirja tal-hanut il-lokazzjoni kienet personali u in solidum bejn il-partijiet."

**9.** Illi minn ezami tal-atti jirrizulta ghalhekk li l-partjiet qeghdin iharrku wiehed lill-iehor personalment ghal danni allegatament kagjonati lilhom proprio.

**10.** Illi ghalkemm, kif inghad supra, il-partijiet ma dehrux daqstant preokkupati bil-fatt illi s-socjeta' nzammet estraneja ghall-proceduri, l-ewwel Qorti hasset li, fil-mument li waslet biex tiddelibera dwar it-talbiet tal-kontendenti, per via ta' "osservazzjonijiet preliminari" (ara fol 163 - 164 tal-process) tirrileva li gej,

> "Il-gestjoni tal-kumpanija M & K Ltd li kienet qed topera l-pub ma kenitx f'idejn il-partijiet personalment imma f'idejn iz-zewg diretturi. Imbaghad minn Awissu, 1987 'il quddiem il-gestjoni kienet de facto f'idejn l-uniku direttur - il-konvenut ........."
>
> "F'din il-kawza l-attur qed jagixxi a bazi tad-drittijiet tieghu ta' 'shareholder'. Hu qed jissottometti li dawn id-drittijiet tieghu gew lezi bin-nuqqasijiet da parti tad-direttur, il-konvenut, fil-kumpanija M & K Ltd."

Id-domanda hawn tohrog wahidha. Jista' azzjonist jagixxi direttament kontra l-operat ta' direttur ta' socjeta' fil-kapacita' tieghu proprja u ad eskluzjoni tal-kumpanija?

L-istess Qorti osservat ukoll li kwantu ghall-kontro-talba tal-konvenut li din "trid thares lejha minn dan l-aspett, cjoe' ta' l-attur bhala 'shareholders' u mhux direttur."

Id-domanda hawn hija dan: Jista' azzjonista jagixxi direttament kontra azzjonista iehor ad eskluzjoni tas-socjeta' li f'isimha jkun sar in-negozju?

**11.** Billi l-partijiet dehru decizi li jibqghu mexjin bil-provi dwar l-operat ta' kull wiehed minnhom, indipendentement mill-aspetti legali u guridici tal-kwistjoni, jidher li l-Ewwel Qorti baqghet ghaddejja wkoll fuq dan il-binarju, biex finalment iddikjarat lill-konvenut responsabbli "ghall-falliment tan-negozju gestit mill-kumpannija M & K Ltd.....". Din il-Qorti ma tasalx biex tifhem ghal kollox kif jista' jkun hemm dikjarazzjoni f'dan is-sens meta l-imsemmija socjeta' M & K Ltd lanqas biss ma hija mdahhla fil-kawza. L-uniku rifless imbaghad ta' din l-irritwalita' tinsab fil-paragrafu bin-numru 31 tar-rikors ta' appell (fol 183) fejn il-konvenut appellant bhal donnu jistenbah u jissolleva l-ostakolu legali segwenti, igifieri

> "..... li l-attur ma seta' qatt jintavola l-kawza odjerna qabel tigi likwida tas-socjeta' M & K Limited ghaliex huwa biss wara li jsir dan l-ezercizzju li jigi ppruvat jekk l-attur sofriex danni jew le."

**12.** Bhala parti mill-provi mbaghad il-partijiet ressqu dokumenti li jekk xejn ikomplu jiddimostraw kemm kienet tkun ukoll flokha mehtiega l-presenza tas-socjeta' K & M Ltd bhala partifil-kawza. Il-kreditu avanzat

mill-Bank of Valletta Ltd - Dok AA, fol 26 - inhareg lis-socjeta' K & M Ltd u mhux lill-kontendenti proprio, ghalkemm dawn it-tnejn dahlu bhala garanti tad-dejn in solidum. F'ittra li l-attur kiteb lill-konvenut in data tat-2 ta' Frar, 1987 - Dok C, fol 28 - fejn ilmenta dwar hrug ta' kapital minn naha tal-konvenut mill-kont tas-socjeta, l-attur inter alia kiteb hekk,

> "....... the Company's bank account is seriously overdrawn to the extent that the bank did not honour on of our company's commitments."

Fl-istess sens kiteb il-legali ta' l-attur lill-konvenut - Ara Dok E, fol 30 - fit-18 ta' Awissu, 1987. Illi, korrettement, meta l-attur baqa' jikteb u jilmenta mal-konvenut, huwa kitiblu mill-gdid fit-30 ta' Mejju 1988 - Dok I, fol35 - fejn stiednu li jinzamm "an extraordinary general meeting" biex jigu diskussi mhux il-kwistjonijiet u kuntrasti personali ta' bejniethom imma s-segwenti punti lkoll relativi ghas-socjeta',

1. "The state of affairs of the company;
2. The company's accountant;
3. The first financial accounting period;
4. The state of affairs regarding the books of account and the financial statements for the first accounting period;
5. The appointment of auditors;
6. Other matters, if any."

**13.** Illi fil-kitba tieghu Minourity Shareholders' Rights, (Sweet & Maxwel. 1994, Ind Ed, pp 110 – 115), Robin Hollington jiddiskuti proprju dan il-punt u fih jafferma li,

> "The fundamental objection to a personal cause of action by a shareholder is that in most cases the company, which is a separate legal person from the shareholders, will be the obvious plaintiff and the losses suffered by the Company are that the losses suffered by the Company are that the losses of the shareholder."

Isemmi l-kaz klassiku in materia, jigifieri Prudential Assurance u Newman Industries (1982) fejn il-Qorti ta' l-Appell Ingliza rriteniet li,

> "A personal action would subvert the rule in Foss v. Harbottle and that rule is not merely a tiresome procedural obstacle placed in the path of a shareholder by a legalistic judiciary. The rule is the consequence of the fact that a corporation is a separate legal entity. Other consequences are limited liability and limited rights."

Fl-istess waqt pero' f'din is-sentenza l-istess Qorti ikkoncediet il-possibbilita' ta' dritt ta' azzjoni fil-kaz meta l-azzjonista ikun garrab telf li jkun distint minn dak soffert mis-socjeta', u dan minhabba l-agir tad-diretturi. Fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament l-awtur Hollington jelabora hekk,

> "A shareholder can, therefore, only pursue a personal cause of action for breach of duty against the directors or other shareholders (ezatt bhal fil-kaz in ezami) or third parties, if he establishes that in the special circumstances of the case :
>
> (a) he has suffered personal loss distinct from the loss suffered by the company and therefore indirectly by him as a shareholder, and
>
> (b) the defendants were in a sufficiently proximate relationship to him that they owed him the duty (whether it be a fiduciary duty

> or the common law duty of care) which they are alleged to have broken."

Illi trattandosi ta' kumpanija ffurmata u komposta biss mill-kontendenti fil-kawza u konsiderat ukoll il-fatt illi partijiet mill-ftehim li gew konkluzi, bhal dak tal-lokazzjoni tal-fond, sar direttament mill-partijiet proprio, din il-Qorti fic-cirkostanzi hija tal-fehma li, indipendentement ghalissa mill-meritu tal-vertenza, l-attur seta' jagixxi u jipprocedi validament kontra l-konvenut. Fil-fatt, dawn l-aspetti legali rigwardanti l-assenza tas-socjeta' mill-proceduri hekk istitwita giet issollevata biss fl-istadju ta' l-appell u b'mod <u>en passant</u>, u l-istess punt ma tqanqalx ukoll quddiem l-ewwel Qorti, u kien ghalhekk ukoll li dan ma giex hemm dibattut. Il-Qrati taghna wkoll kellhom okkazjoni li jimxu similment bhal kif fuq inghad meta jkun hemm allegazzjoni ta' agir skorrett minn direttur jew diretturi ta' socjeta' li jwassal ghal telfien jew ikun ta' pregudizzju <u>lil xi azzjonista, indipendentement mis-socjeta' nfisha</u>. Fil-kawza fl-ismijiet "M.J. Falla vs J.H. Sorotos" deciza fit-12 ta' Marzu 1976, il-Qorti ta' l-Appell irrikonoxxiet tali dritt ta' azzjoni in kwantu rriteniet li tali allegazzjonijiet (il-gudizzju kien fl-ilsien Ingliz),

> "if substantiated, appear(s) to entail a direct personal prejudice to the plaintiff as distinct form the Company itself (which the plaintiff says was composed of only two shareholders) …."

U li allura jsegwi li,

> "the plaintiff does have a right of action vis-a vis the defendant."

Tajjeb li jinghad ukoll li l-konvenut, tant implicitament jirrikonoxxi il-validita' legali ta' din il-procedura li min-naha tieghu avanza kontro-talba avolja l-posizzjoni ta' azzjonist hija differenti ghal kollox minn dik ta' direttur, kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

**14.** Illi, fil-meritu, id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, mertu ta' dana l-appell, hija biss sentenza in parte. L-ewwel Qorti di fatti ddecidiet billi fl-ewwel lok iddikjarat lill-konvenut responsabbli ghall-falliment tan-negozju gestit mill-kumpanija M&K Ltd. u partikolarment ghat-telfien tal-kirja tal-fond kummercjali "The Greyhound", f'Main Street, San Giljan, minhabba negligenza u traskuragni u li dana l-agir ikkaguna dannu lill-attur. Din ir-responsabbilita' tal-konvenut ma kienitx wahda intiera peress illi l-ewwel Qorti wkoll sabet xi htijiet, fi proporzjoni anqas, attribwibbli lill-attur. Per konsegwenza, l-ewwel Qorti ddecidiet b'riferenza ghat-talbiet attrici dwar responsabbilita' li l-attur ghandu jehel kwart (1/4) mir-responsabbilita' u l-konvenut tlett kwarti (3/4). Fit-tieni lok cahdet kemm l-eccezzjonijiet, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut. Fit-tielet lok hija rrizervat li tiddisponi dwar il-bqija tat-talbiet attrici riferibbli ghal danni wara li tisma' aktar provi dwarhom.

**15.** Illi l-appell minn din is-sentenza in parte sar biss min-naha tal-konvenut in kwantu dan qieghed jitlob mhux biss il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti akkollat kwart tar-responsabbilita' fuq l-attur imma qieghed jissottometti wkoll li ghandha tintlaqa' il-kontro-

talba tieghu, bir-revoka allura ta' dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu din giet michuda, u li jfisser li l-htija u konsegwenti danni hekk rizultanti ghandhom jigu attribwiti u ghandhom jithallsu interament mill-attur appellat.

**16.** Il-konvenut appellant ma qabilx ma' dak li gie ritenut in konnessjoni mat-telfien tal-lokazzjoni tal-fond adibit bhala "pub" li wassal ghal sentenza ta' zgumbrament. L-appellant konvenut isemmi sensiela ta' vicendi dwar il-hajja zregolata tal-attur li inducietu (i.e. lill-attur) biex jirrikorri ghax-xorb, b'intricci jew legami amoruzi u assenza ripetuta mill-post adibit bhala "pub". Ankorke' hemm xi fondatezza f'dawn il-vicendi pero' jibqa' l-fatt li dak li sewwa sew wassal ghat-telfien tal-krija u zgumbrament eventwali mill-"pub" – li kien il-"fulcrum" tan-negozju – kien dovut ghall-fatt li f'certu stadju l-konvenut qabad u ma baqax ihallas aktar il-kera dovut u di piu', kif osservat l-ewwel Qorti,

> "Is-sentenza tal-Prim'Awla li ordnat l-izgumbrament taghhom giet deciza fl-istess xahar li l-attur kien qal lill-konvenut biex jaghlaq il-"pub".

Din il-Qorti tikkondividi dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, u bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-konvenut appellant, li t-telfien tal-"pub" kien wiehed gravi u determinanti fuq in-nuqqas ta' dhul ta' introjti ta' natura kummercjali.

Illi apparti li ntilfet il-lokazzjoni tal-“pub” li kien il-post ewlieni ta’ l-intrapriza bejn il-kontendenti, l-ewwel Qorti sabet ukoll li s-socjeta’ M&K Ltd. Li giet iffurmata in segwitu bejn il-kontendenti giet immexxija hazin sakemm kien hemm falliment shih bhala rizultat ahhari. L-ewwel Qorti jidher li dahlet biex tgharbel il-provi prodotti dwar dan il-punt b’mod approfondit. Bdiet billi ghamlet numru ta’ osservazzjonijiet preliminari, imbaghad ezaminat x’gara meta din il-kumpanija bdiet topera kemm minn punto di vista’ ta’ thaddim ta’ kapital u fondi ; in-nuqqas ta’ kontroll f’dik li hija gestjoni u amministrazzjoni ordinarja, il-presenza o meno tal-attur fin-negozju ; iz-zamma tal-kotba tan-negozji ; l-obbligi tal-konvenut bhala direttur tal-kumpanija li jhallas il-kredituri tas-socjeta’ ; l-impatt li kellu l-qtil ta’ Eve Camilleri fil-“pub”, persuna li kienet vicin taz-zewg kontendenti ; il-kontributorjeta’ ta’ l-attur ; il-validita’ o meno tal-kontro-talba tal-konvenut li dwarha dik il-Qorti sostniet ukoll li,

> “din l-ewwel nett ma gietx sostanzjata u fit-tieni lok ma tistax issir kontra l-attur li mhux direttur izda azzjonist.”

Il-konvenut appellant ma qabilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat il-provi fattwali u dan ukoll billi skond hu ghamlet enfasi zejda, bhal fil-kaz tat-telfien tal-lokazzjoni meta ma kellhiex ghalfejn, u skartat partijiet ohrajn li kienu rilevanti bhall-fatt li l-agir zregolat ta’ l-attur u n-nuqqas ripetut tieghu milli jkun prezenti fil-“pub” u biex jghin fit-tmexxija tas-socjeta’.

**17.** Din il-Qorti tirrileva li hija prassi ormai stabbilita ta' din il-Qorti ta' Appell li sakemm ma jkunx hemm ragun jew ragunijiet serji u gravi li juru xort'ohra, hija kemm jista' jkun ma tiddisturbax dik l-evalwazzjoni tal-provi gja' maghmula mill-ewwel Qorti – partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-analizi maghmula minn dik il-Qorti tkun saret b'akkuratezza u b'mod approfondit.

Dan maghdud, din il-Qorti xorta wahda jidhrilha li minn dak li gie sottomess u b'riferenza tal-provi, dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-ewwel Qorti kien sostanzjalment korrett. Kien hemm htijiet rciproci pero' l-htija tal-konvenut li baqa' direttur tas-socjeta' u n-negligenza tieghu, kienet fi proporzjoni akbar minn dik attribwibbli lill-attur. Illi, ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha li mhux il-kaz li tirriforma jew tirrevoka parzjalment is-sentenza appellata, kif mitlub mill-konvenut appellant.

**18.** Jigi fl-ahharnett rilevat li fl-istadju tal-appell, l-attur appellat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Billi din l-eccezzjoni proprjament tincidi l-aktar fuq l-aspett ta' danni li ulterjorment ghad ghandhom jigu kkunsidrati mill-ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li jkun hafna izjed opportun u utli li tali eccezzjoni tigi kkunsidrata fl-ewwel kors tal-provi u sottomissjonijiet relativi ghat-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur, li fil-fatt ghandhom tutt'ora pendenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tal-konvenut b'dak li l-atti ghandhom jintbaghtu lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal fini ta' deliberazzjoni u decizjoni tat-tielet u r-raba' talbiet attrici.

L-ispejjez gudizzjarji relativi ghal dana l-appell jithallsu mill-konvenut appellant, filwaqt li dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif gja' deciz dwarhom mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dep/Reg

mg